

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) (Ir-Renju Unit) fit-8 ta' April 2011 — Football Dataco Ltd, Scottish Premier League Ltd, Scottish Football League, PA Sport UK Ltd vs Sportradar GmbH (kumpannija rreġistrata fil-Ġermanja), Sportradar (kumpannija rreġistrata fl-Isvizzera)

(Kawża C-173/11)

(2011/C 194/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Qorti tar-rinviju

Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division)

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Football Dataco Ltd, Scottish Premier League Ltd, Scottish Football League, PA Sport UK Ltd

Konvenuti: Sportradar GmbH (kumpannija rreġistrata fil-Ġermanja), Sportradar (kumpannija rreġistrata fl-Isvizzera)

#### Domandi preliminari

(1) Meta parti taplowdja data minn database protetta mid-dritt *sui generis* taħt id-Direttiva 96/9/KE<sup>(1)</sup> (iktar 'il quddiem "id-Direttiva Database") fuq il-web server ta' din il-parti li jinsab fi Stat Membru A u bħala risposta għat-talbiet minn utent fi Stat Membru B il-web server jibgħat din id-data lill-komputer tal-utent sabiex id-data tinħażen fil-memorja ta' dan il-komputer u tintwera fuq l-iskrin tiegħu

(a) L-att li bih tintbagħat id-data huwa att ta' "estrazzjoni" jew ta' "użu mill-ġdid" minn din il-parti?

(b) L-att ta' estrazzjoni u/jew ta' użu mill-ġdid minn din il-parti jseħħ

(i) fi Stat Membru A biss

(ii) fi Stat Membru B biss

(iii) jew kemm fi Stat Membru A kif ukoll fi Stat Membru B?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 96/9/KE, tal-11 ta' Marzu 1996, dwar il-protezzjoni legali ta' databases (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 459)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (il-Greċja) fil-15 ta' April 2011 — Syllagos Ellinon Poleodomon kai Chorotakton vs 1) Il-Ministru tal-Ambjent, tal-Ippjanar tat-territorju u tax-Xogħlijiet pubbliċi, 2) Il-Ministru tal-Ekonomija u tal-Finanzi u 3) Il-Ministru tal-Intern, tas-Servizz pubbliku u tad-Deċentralizzazzjoni

(Kawża C-177/11)

(2011/C 194/14)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

#### Qorti tar-rinviju

Symvoulio tis Epikrateias

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Syllagos Ellinon Poleodomon kai Chorotakton.

Konvenuti: 1) Il-Ministru tal-Ambjent, tal-Ippjanar tat-territorju u tax-Xogħlijiet pubbliċi, 2) Il-Ministru tal-Ekonomija u tal-Finanzi u 3) Il-Ministru tal-Intern, tas-Servizz pubbliku u tad-Deċentralizzazzjoni

#### Domanda preliminari

"Sa fejn id-dispożizzjoni tal-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Ġunju 2001, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 157), tipprovdi li għandha ssir stima ambjentali għall-pjanijiet u l-programmi kollha 'in vista ta' l-effett fuq iż-żoni li x'aktarx, ġew stabbiliti biex jiksbu stima bis-saħħa ta' l-Artikolu 6 jew 7 tad-Direttiva 92/43/KEE', din għandha tiġi interpretata fis-sens li din tissuġġetta l-obbligu li pjan speċifiku jiġi sottomess għal stima ambjentali għall-kundizzjoni li jiġu sodisfatti, fir-rigward ta' dan l-istess pjan, kundizzjonijiet li jippermettu li dan jiġi sottomess għal stima ambjentali fis-sens tad-Direttiva 92/43/KEE, u li, b'konsegwenza ta' dan, l-imsemmija dispożizzjoni tad-Direttiva 2001/42/KE tippreżumi, hija ukoll, bħad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tad-Direttiva 92/43/KEE, li l-pjan jista' jkollu effetti kunsiderevoli fuq żona speċjali ta' konservazzjoni, filwaqt li tħalli lill-Istati Membri r-responsabbiltà li jipproċedu għall-evalwazzjoni korrispondenti fuq il-mertu? Jew inkella, din id-dispożizzjoni tal-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 2001/42, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-obbligu li ssir stima ambjentali skont din id-dispożizzjoni ma huwiex suġġett għall-kundizzjoni li jiġu sodisfatti kundizzjonijiet ta' twettiq ta' stima ambjentali fis-sens tad-Direttiva 92/43, jiġifieri għall-evalwazzjoni tal-eventwalità ta' effetti kunsiderevoli fuq żona speċjali ta' konservazzjoni, iżda li jeħtieġ sempliċement li jiġi kkonstatat li pjan speċifiku huwa marbut, minn naħa jew minn oħra, ma' wieħed mis-siti msemmija fid-Direttiva 92/43, iżda mhux neċessarjament ma' żona speċjali ta' konservazzjoni, sabiex jitnissel l-obbligu li ssir tali stima?"